# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tad-Distrett tal-Imsida

Il-Pulizija

(Spettur Michael Vella)

Vs

Dollsy Darmanin

Illum, 4 ta’ Dicembru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Dollsy Darmanin** bint Emanuel u Pauline xebba Caruana, imwielda Pieta’ nhar it-22 ta’ Marzu 1977 u residenti 5, Triq Fuq tal-Hawli, Birgu, detentrici tal-karta tal-identita’ numru 201477 M akkuzata talli nhar il-25/10/2023, ghall-habta tad-21:11 gewwa dawn il-Gzejjer Maltin

(1) Permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni eletronika: heddidt li taghmel xi reat jew / u ghamilt uzu mhux xieraq bih.

Rat l-artikolu 49(a),(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Affidavits ta' PS 267 Anthony J. Cassar u PS 186 Kristian Mintoff, ipprezentati mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Mark Sultana prodotti mill-prosekuzzjoni; semghet ix-xhieda tal-imputata fis-seduta tal-19 ta' Gunju 2024 prodotta mid-difiza;

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu ix-xhieda taghhom fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PS 267 Anthony J Cassar,** stazzjonat Cyber Crime Unit (Malta) ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Jiddikjara li fit-30 ta' Ottubru 2023, ic-Cyber Crime Unit kienet notifikata li s-Sur Mark Sultana ghamel rapprt OPRES report reference number 24023/1/2023 in konnessjoni ma theddid li gew rcevuti tramite Facebook Messenger, mill-profil ta' Facebook https://www.facebook.com/darmanin.dollsy . Sussegwentement sar rapport ufficjali fl-Ghassa ta' Tas-Sliema rapport numru NPS7/POL/7119/2023.

L-ufficjal investigattiv PC 1015 S. Tabone permezz ta' email datata 30 ta' Frar, 2023 talab l-assistenza tac-CyberCrime Unit sabiex jigi lokalizzat l-IP connection li intuzat sabiex jintbghatu l-messaggi. PC 1551 K. Muscat gie assenjat sabiex isir it-talba lil META ghal informazzjoni.

PC 1551 Kenneth Muscat cempel lil kwerelant fuq it-telephone cellulari fit-30 ta' Ottubru, 2023. Fuq talba tal-pulizija l-kwerelant bghat email lil Cyber Crime Unit bi screenshot tal-kumment li rcieva u Facebook URL address.

Il-profil " https://www.facebook.com/darmanin.dollsy" gie accessat minn IP addresses 92.251.72.121 / 212.54.104.1 / 212.54.104.7 / 212.65.104.15 skont informazzjoni moghtija minn META Platforms (Facebook) wara li saret talba ghal informazzjoni fil-31 ta' Ottubru 2023.

Wara li saret ricerka online Whois database search fuq l- IP addresses provduti irrizulta li l-indirizzi kienu ta' Melita plc. Wara li saret talba lil Melita plc dwar dawn l-IP addresses, Melita Plc irrispondiet li ma ghandiex records tal-informazzjoni mitluba.

Wara li saru t-technical inquiries, ix-xhud ghamel rapport li dettalja l-azzjonijiet mehuda mic Cyber Crime Unit lil ufficjal investigattiv.

**Affidavit ta' PS 186 K Mintoff** , stazzjonat l-Ghassa ta' Tas-Sliema ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Jiddikjara li fil-30 ta' Ottubru, 2023 ircevew rapport online permezz tas-sistema tal-Pulizija Opres bin-numru ta' referenza 24023/1/2023 minghand certu Mark Sultana fil-kapacita' tieghu ta' CEO ta' Birdlife.

Gie mdahhal rapport tal-Pulizija bin-numru 7/POL/7119/2023 u s-Sur Sultana ipprovda printawt tal-messaggi fejn dawn jaqraw "*Look I'm not telling you to go away but mind your own business when it comes to hunting."* Messagg iehor, illi skont is-Sur Sultana huwa l-izjed wiehed li jindika theddid kien, *"If you call the police on my family 1 more time I will end you qll." . . . "All".*

Il-messaggi allegatament intbghatu fil-25 ta' Ottubru 2023 fid-21:11 hrs, skont il-kwerelant u fil-printawt tal-messaggi li bghat hemm indikat "Wed 9:11 pm".

Gew mgharfa c-Cyber Crime Unit.

Nhar is-6 ta' Frar, 2024 ghal habta ta' 15:17 hrs irrikorriet l-ghassa ta' Tas-Sliema Dollsy Darmanin sabiex tigi mitkellma fuq il-kaz. Hija inghatat id-dritt li tikkonsulta ma avukat tal-fiducja taghha izda irrinunzjat ghal dan id-dritt. Hija ghazlet li taghti verzjoni u stqarret li l-profil ta' facebook Dollsy Darmanin bid-dettalji taghha huma korretti.

Uriet lix-xhud l-messaggi fuq il-mobile taghha izda l-messagg If you call the police on my family 1 more time I will end you qll." . . . "All" ma kienx parti mic-chat li urietu. Madanakollu l-kumplament tal-messaggi kienu hemm u l-hin indikat fil-messaggi kien l-istess wiehed. Il-messaggi kienu mibghuta lill-istess facebook page indikata mis-Sur Sultana. Is-sinjura Darmanin stqarret li l-messaggi kienu intbghatu minn binha minuri ta' 11 il-sena li dak in-nhar ma kienx id-dar maghha. Hi stqarret li binha kellu access ghal profil taghha ta' Facebook minn fuq it-telephone cellulari tieghu. Tahseb li dakkinhar kien go residenza ohra ma missieru u malli ndunat bil-messagg monghut mil-profil ta' Facebook taghha batitlu messagg fuq il-profil ta' Facebook tal-minuri bil-kliem "*Stop texting Birdlife from my profile plss."* Dan il-messagg urietu lil pulizja u kien datat 25 ta' Ottubru fl-22:01 hrs.

Stqarret li binha kien baghat dan il-messagg lill-Birdlife ghaliex dak iz-zmien xi hadd mhux maghruf kien harrab xi ghasafar mill-ghalqa ta' nannuh u minn gewwa gheliqi ohra fl-inhawi, u xi nies kienu qed jissuspettaw jew iwahhlu f' membri tal-Birdlife.

**Mark Sultana,** Kap Ezekuttiv ta' Birdlife Malta xehed fis-seduta tal-19 ta' Gunju 2024. Ir-rapport sar fil-kapacita' tieghu ta' Kap Ezekuttiv ta' Birdlife Malta. Jixhed li wiehed mill-modi kif in-nies jikkomunikaw maghhom huwa l-Facebook messenger. Fil 25 ta' Ottubru gie infurmat minn persuna li timmoniterja illi kien hemm messagg abbusiv. Meta jkun hemm dawn it-tip ta' messaggi ghandhom il-policy li jiehdu azzjoni immedjatament. Fit-28 ta' Ottubru ghamel rapport tramite l-online system li imghad gie infurmat li inghadda lil Cybercrime. Mar jirrapporta l-ghassa tal-Imsida imma peress li kienet maghluqa ghamel rapport l-Ghassa ta' Tas-Sliema.

Il-messaggi intbghatu mis-sinjura Dollsy Darmanin. L-isem waslu ghalih mill-Facebook stess imma meta tkellem mac-Cyber Crime qalulu li ghandhom process biex jivverifikaw jekk il-messagg kien verament minn dak il-messenger jew le.

<u>Provi Difiza</u>

**Dollsy Darmanin,** l-imputata, xehedet fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2024. Tixhed li

"Il-messagg nahseb li l-kontenut jidher bic-car illi huma mbghad mit-tifel mill-messenger tieghi, jigifieri fil-fatt jien ghandi messagg li baghatt lit-tifel fuq il-messenger tieghi fejn ghedtlu stop texting birdlife from my profile u dik il-parti tal-messagg fejn,

. . . .omissis . . .

"Il-parti fejn, jien tant ghandi l-ic-chat kollha, jigifieri dik il-parti fejn I call the police on my family I will end you ma tihdrix kieku hemm delete message tidher fic-chat jigifieri ma nafx minn fejn giet ziedet dil-bicca li huma qed jirriferu ghaliha bhala theddid."

Tixhed li t-tifel taghha baghat il-messagg.

Ikkunsidrat

L- imputata hija akkuzata taht l-artikoli 49 (a), u 49 (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:-

> "49.Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,
>
> ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro(€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:
>
> Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew pespressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta'komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxureat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minnespressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali,

ta' kull xorta, u majwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtàpersonali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna."

Mill-provi jirrizulta li minn Facebook messenger tal-imputata intbghatu zewgt messagg fuq il-Facebook messenger tal-Birdlife Malta fil-25 ta' Ottubru, 2023. L-imputata stess stqarret kemm fi-xhieda taghha kif ukoll meta giet mitkellma mill-pulizija (ara affidavit ta' PS 186 K Mintoff) li l-profil tal-Facebook kien taghha. Hija stqarret li kien binha minuri li ma kienx maghha li baghat dawn il-messaggi. L-imputata hija responsabbli ghal profil taghha u ghal kontenut li hemm fih. Inoltre, jigi rilevat li ma ngabet ebda' prova fil-kors ta' dawn il-proceduti li kien binha li uza l-profil taghha biex jibghat dan il-messagg.

Miz-zewgt messaggi li ntbghatu il-messagg censurabbli jghid *"If you call the police on my family 1 more time I will end you qll" "All"*. Ma hemm dubbju li dan il-messagg huwa wiehed ta' theddid u ghalhekk jaqa' taht il-paramentri tal-artikolu 49 (a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi, u cioe' l-artikoli 49(a)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta issib l-imputata **Dollsy Darmanin** hatja skont l-artikolu 49 (a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannha ghal multa ta' elf ewro (€ 1,000).

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**